# It-Tnejn u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Il-Kelma tal-Mulej saret għalija tagħjir u tmaqdir kuljum.*

Ġer 20, 7-9

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**

7 Qarraqtni Mulej, u jien tqarraqt:
kont aqwa minni, u għelibtni.
Jien sirt id-daħka ta' kuljum,
kulħadd jiddieħak bija.

8 Kull meta niġi nitkellem, jien ngħajjat,
u nxandar, «Moħqrija u ħsara!»
Il-kelma tal-Mulej saret għalija
tagħjir u tmaqdir kuljum.

9 U jien għedt: «Ma nsemmihx aktar,
ma nitkellimx aktar f'ismu.»
Iżda f'qalbi hemm bħal nar jaqbad,
magħluq f'għadmi.
Għejejt inżommu magħluq ġo fija,
ma niflaħx aktar għalih.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 62 (63), 2.3-4.5-6.8-9

℟. (2b): Għalik imxennaq jiena, Mulej, Alla tiegħi

2 Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik,
għalik imxennaq jiena,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma. ℟.

3 Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek,
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
4 Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja,
xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek. ℟.

5 Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha;
ngħolli idejja u nsejjaħ ismek.
6 Bħal b’ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela,
u jgħannilek fommi b’xufftejn ferrieħa. ℟.

8 Għax int kont għajnuna għalija,
għad-dell ta’ ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
9 Miegħek tingħaqad ruħi,
int tweżinni bil-leminija tiegħek. ℟.

# Qari II

*Offru ġisimkom bħala vittma safja.*

Rum 12, 1-2

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

1 Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom.

2 Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Efes 1, 17-18

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla ta' Sidna Ġesù Kristu,
jagħtikom spirtu ta' għerf,
biex tagħrfu x'inhi t-tama tas-sejħa tagħkom.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu.*

Mt 16, 21-27

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F’dak iż-żmien, [21]Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ
għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar
u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum.

[22]Pietru ġibdu lejh u beda jlumu u jgħidlu: «Allaħares, Mulej! Ma
jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!» [23]Iżda Ġesù dar u qal lil Pietru:
«Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax m’intix tqis il-
ħwejjeġ ta’ Alla, imma qiegħed taħsibha ta’ bniedem li int!»

[24]Imbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: «Jekk xi ħadd irid jiġi warajja,
għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa’ salibu, u jimxi warajja. [25]Għax min
irid isalva ħajtu, jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi,
isibha. [26]Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha
u mbagħad jitlef ħajtu? Jew xi prezz se jagħti l-bniedem biex isalva
ħajtu? [27]Għax Bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta’ Missieru
flimkien ma’ l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed skond
ma wieħed ikun għamel.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu